C/2025/3948

10.7.2025

# OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-2 ta' Lulju 2025**

**dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Bulgarija u dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għall-Bulgarija**

**(CON/2025/15)**

(C/2025/3948)

## Introduzzjoni u bażi legali

Fil-5 ta' Ġunju 2025 l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Bulgarija ([1]). Fl-1 ta' Lulju 2025 l-BĊE irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 fir-rigward tar-rata ta' konverżjoni għall-euro għall-Bulgarija ([2]).

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 140(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 17.5, l-ewwel sentenza, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

## Osservazzjonijiet

1. Ir-regolamenti proposti se jagħmlu possibbli l-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita tal-Bulgarija wara l-abrogazzjoni tad-deroga tal-Bulgarija skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 140(2) tat-Trattat.

2. Il-BĊE jilqa' r-regolamenti proposti.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Lulju 2025.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

([1]) COM(2025) 301 finali.
([2]) COM(2025) 372 finali.